Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1897

3.8.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1897

tal-31 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289 fir-rigward tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK biex jiġi introdott tip ġdid ta' intervent b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 117 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2026/1768 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (UE) 2021/2115, fost l-oħrajn, billi introduċa tip ġdid ta' intervent fl-ambitu tal-iżvilupp rurali.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 ([3]) jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

(3) Ir-Regolament (UE) 2026/1768 daħħal Artikolu 78b ġdid fir-Regolament (UE) 2021/2115 li jintroduċi tip ġdid ta' intervent għall-appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I, il-punt 5, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289 jiġi emendat biex jinkludi l-informazzjoni speċifika għal dan it-tip ta' intervent fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289 jiġi emendat kif xieraq.

(5) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu intervent ġdid għall-appoġġ lill-bdiewa affettwati miż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-fertilizzant minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani permezz ta' talba għal emenda strateġika tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2026/1768 u biex jiġi żgurat li l-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK ikun fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta u tipproċessa tali talbiet għal emendi strateġiċi u notifiki ta' emendi oħra b'mod effettiv fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2021/2115, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Meta jitqies li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2026/1768 biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u ċertezza legali għall-Istati Membri, għall-bdiewa u għall-partijiet ikkonċernati.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Politika Agrikola Komuni,

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj.

([2]) Regolament (UE) 2026/1768 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani (ĠU L, 2026/1768, 21.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/1768/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2289 tal-21 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni tal-kontenut tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u dwar is-sistema elettronika għall-iskambju sigur ta' informazzjoni (ĠU L 458, 22.12.2021, p. 463, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/2289/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-22 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness I, it-Taqsima 5, il-punt (f)(ii), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/2289, jiżdied l-inċiż li ġej:

"— għall-interventi msemmija fl-Artikolu 78b tar-Regolament (UE) 2021/2115:

— indikazzjoni tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet addizzjonali tal-fertilizzanti u l-konsum annwali medju tal-fertilizzanti għal kull żona, fejn rilevanti;

— deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet biex jiġi evitat il-kumpens żejjed;".